MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Avviz Numru. 627/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Simon Zammit u S&D Zammit Co Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija u tmien Liri Maltin u hmistax –il centezmu (Lm608.15), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21447101 (C/N1017537 A/c 10146410).

Interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha issir il-kawza kontra l-konvenut li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sitt mija u tmien Liri Maltin u hmistax – il centezmu (Lm608.15), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ Novembru 2003, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------